## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 726**

**PUBBLIKAZZJONI TA’ ATTI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma’ din il-Gazzetta:

Att Nru XXII tal-2015 imsejjaħ l-Att tal-2015 li jemenda l-Att dwar l-Impieg ta’ Persuni b’Diżabilità; u

Att Nru XXIII tal-2015 imsejjaħ l-Att tal-2015 li jemenda l-Att dwar Sigurtà fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Ċivili.

L-24 ta’ Lulju, 2015

## GOVERNMENT NOTICES

**No.726**

**PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XXII of 2015 entitled the Persons with Disability (Employment) (Amendment) Act, 2015; and

Act No. XXIII of 2015 entitled the Airports and Civil Aviation (Security) (Amendment) Act, 2015.

24th July, 2015

**Nru. 727**

**AWTORITÀ TA’ MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b’mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta’ studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

**No. 727**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
*A detailed justification is presented below:*

Numru ta’ Riferenza: PA 01174/09 (EA 00012/15)
Post: Sit fi, Triq Valletta, Tax-Xatba l-Ħamra, L-Imqabba
Proposta: Twaqqigħ ta’ bini eżistenti, tħaffir parzjali tas-sit, rikostruzzjoni ta’ żewġ livelli ta’ imħażen f’barriera eżistenti u *grounds* tal-*football* b’faċilitajiet anċillari u *landscaping* fil-pjan terran.

*Reference Number: PA 01174/09 (EA 00012/15)*
*Location: Site at, Triq Valletta, Tax-Xatba l-Ħamra, Mqabba*
*Proposal: Demolition of existing building, partial excavation of site, reconstruction of two levels of warehouses in an existing quarry site and football grounds with ancillary facilities and landscaping at ground floor level.*

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fis-26 ta' Frar, 2015, u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-23 ta' Ġunju, 2015.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 26th February, 2015, and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on the 23rd June, 2015.

| Impatt Potenzjali<br>*Potential Impacts* | Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.<br>*Remarks on mitigation measures, etc.* |
|---|---|
| Tixrid potenzjali u *run -off* | Tixrid potenzjali waqt il-fażi ta' kostruzzjoni jista' jiġi evitat permezz tal-applikazzjoni xierqa tal-miżuri ta' mitigazzjoni identifikati fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007, flimkien mas-sottomissjoni ta' *Construction Management Plan*, u salvagwardji oħra *standard* relatati ma' żviluppi industrijali.<br><br>Mhumiex mistennija impatti sinifikanti matul il-fażi tal-operat minħabba n-natura tal-iżvilupp propost. Taħlita ta' miżuri *standard* ibbażati fuq id-disinn, kif ukoll miżuri li jittieħdu waqt l-operat għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw li ma jkunx hemm riskji ta' kontaminazzjoni tal-ilma minn tixrid ta' inkwinanti. Il-proposta għandha tinkludi wkoll sistema appropriata ta' ġestjoni tal-ilma li tinkorpora ġibjun għall-ilma tax-xita ddisinjat biex jiġbor *run-off* mill-imħażen industrijali. |
| *Impact on water resources* | *Potential spillages during the construction phase can be mitigated through the proper application of appropriate mitigation measures identified in the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007, combined with other standard permit safeguards for industrial developments. Recommendations made through the submission of a Construction Management Plan (CMP) are also to be followed.*<br><br>*No significant impacts are expected during the operational phase given the nature of the proposed development. A combination of standard design-based and operational measures should be sufficient to ensure that there are no risks of contamination of water from releases of pollutants. The proposal shall also include a planned water management system, which incorporates a rainwater reservoir designed to collect runoff from the industrial warehousing site* |
| Impatti mit-trabijiet waqt il-kostruzzjoni | Il-PDS jistma li matul il-fażi ta' kostruzzjoni, il-proposta se tkun qed tipproduċi madwar 30,000 metru kubu ta' skart mit-tħaffir. Skart ieħor relatat mal-kostruzzjoni li se jiġi ġġenerat mill-proposta jinkludi: konkrit, *bricks*, madum, ċeramika, injam, ħġieġ, plastik, ħadid, azzar, u skart ieħor ġġenerat mill-kostruzzjoni u twaqqigħ. Waqt l-operat, il-ġenerazzjoni ta' skart se tkun minima u kkaratterizzata minn skart solidu muniċipali, iġġenerat l-iktar mill-uffiċċji u l-*kitchenette*.<br><br>Mhuma previsti l-ebda impatti sinifikanti matul il-fażi kemm tal-kostruzzjoni u kemm tal-operat minħabba n-natura tal-iżvilupp. Barra minn hekk, il-ġestjoni tal-iskart hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti Ġestjoni tal-Iskart (Avviż Legali 184 tal-2011, kif emendata). |
| *Impacts from waste generation* | *The PDS estimates that during the construction phase, the proposal will be producing approximately 30,000 cubic metres of excavation waste. Other construction-related waste to be generated by the proposal includes: concrete, bricks, tiles, ceramics, wood, glass, plastic, iron, steel and other construction and demolition waste. During operation, waste generation will be minimal and characterised by municipal solid waste, generated by offices and the kitchenette.*<br><br>*No significant impacts are envisaged during both the construction and operational phase given the nature and scale of the proposal. Furthermore, the management of waste is subject to the provisions laid out in the Waste Management Regulations (Legal Notice 184 of 2011, as amended).* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

L-24 ta' Lulju, 2015

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

24th July, 2015

**Nru. 728**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

**Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur**

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Michael Joseph Galea bħala Nutar delegat u konservatur fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Attard, u dan għall-perjodu bejn is-17 ta' Lulju 2015 sat-22 ta' Lulju, 2015.

Illum 20 ta' Lulju, 2015.

JANET CALLEJA
*Għar-Reġistratur Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili*

**No. 728**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

**Appointment of Notary Delegate/Keeper**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Michael Joseph Galea to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Pierre Attard, for the period between the 17th July, 2015 and 22nd July 2015.

Today, 20th July, 2015.

JANET CALLEJA
*For the Registrar Court of Revision of Notarial Acts*

**Nru. 729**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

**Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur**

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Katya Bezzina bħala Nutar delegat u konservatur fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia, u dan għall-perjodu bejn it-28 ta' Lulju, 2015 sal-10 ta' Awwissu, 2015.

Illum 20 ta' Lulju, 2015.

JANET CALLEJA
*Għar-Reġistratur Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili*

**No. 729**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

**Appointment of Notary Delegate/Keeper**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Katya Bezzina to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Marco Farrugia, for the period between the 28th July, 2015 and the 10th August, 2015.

Today, 20th July, 2015.

JANET CALLEJA
*For the Registrar Court of Revision of Notarial Acts*

**Nru. 730**

**BORD TAL-FONDAZZJONI TAL-KAVALLIER TA' SAN ĠAKBU**

*Emenda*

NGĦARRFU li l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva dan li ġej:

**No. 730**

**ST JAMES CAVALIER FOUNDATION BOARD**

*Amendment*

IT is notified that the Minister for Justice, Culture and Local Government has approved the following: